II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1096

tal-21 ta' April 2021

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jikkonċerna d-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar applikabbli għall-blends

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/787 tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 50(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/787 irriklassifika fid-dettall ċerti dispożizzjonijiet relattivi għall-produzzjoni u għat-tikkettar tax-xorb spirituż u tal-oġġetti tal-ikel miksuba minn xorb spirituż bħala ingredjenti.

(2) B'mod partikolari, l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2019/787 wessa' d-dispożizzjonijiet fir-rigward tat-tikkettar għat-taħlitiet li jwasslu għal xorb spirituż mhux konformi mar-rekwiżiti ta' kategorija ta' xorb spirituż għal blends li jirriżultaw mill-kombinazzjoni ta' xorb spirituż li jkun jappartjeni għal Indikazzjonijiet Ġeografiċi differenti jew mill-kombinazzjoni ta' xorb spirituż li jkun jappartjeni għal Indikazzjoni ġeografika ma' xorb spirituż li ma jkun jappartjeni għall-ebda Indikazzjoni Ġeografika.

(3) Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2019/787, l-ismijiet ġuridiċi previsti għall-kategoriji ta' xorb spirituż stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament imsemmi jew għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż jistgħu jiġu indikati biss jekk dawn jidhru f'lista ta' ingredjenti alkoħoliċi li tkun tidher fl-istess kamp viżiv tal-isem ġuridiku tax-xarba spirituża. Dan jimplika li l-kategorija ta' xorb spirituż li għaliha jkun jappartjeni blend previst minn din id-dispożizzjoni ma jistax jintuża bħala isem ġuridiku. L-unika eċċezzjoni prevista għall-imsemmi artiklu tikkonċerna l-blends magħmula minn xorb spirituż li jkun jappartjeni għall-istess Indikazzjoni Ġeografika jew għall-blends li ebda sorb spirituż tagħhom ma' jkun jappartjeni għal Indikazzjoni Ġeografika. Għal dawn il-blends, dan ifisser li jistgħu jużaw il-kategorija ta' xorb spirituż ikkonċernat bħala isem ġuridiku fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar tagħhom.

(4) Madankollu, skont id-definizzjonijiet stabbiliti fil-punti 11 u 12 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/787, il-blends huma l-kombinazzjoni ta' żewġ xarbiet spiritużi jew aktar tal-istess kategorija li huma distinti minn xulxin biss permezz ta' differenzi żgħar fil-kompożizzjoni. Għaldaqstant, ix-xorb spirituż prodott b'dan il-mod jappartjeni neċessarjament għall-istess kategorija ta' xorb spirituż tax-xorb spirituż inizjali qabel ma jseħħ il-blending. L-Artikolu 10(2) tar-Regolament imsemmi jipprevedi li x-xorb spirituż li jissodisfa r-rekwiżiti ta' kategorija ta' xorb spirituż stabbilita fl-Anness I tar-Regolament imsemmi għandu juża l-isem ta' din il-kategorija bħala isem ġuridiku. F'konformità ma' din l-eżiġenza, il-blends kollha, u mhux biss dawk li huma eżentati permezz tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament imsemmi għandhom ikunu awtorizzati jużaw l-isem tal-kategorija li jappartjenu għaliha bħala isem ġuridiku.

([1]) ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1.

(5) Għaldaqstant, sabiex tiġi kkoreġuta din l-inkoerenza bejn l-obbligi ta' tikkettar tal-blends li jirriżultaw mill-Artikolu 10(2) u mill-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2019/787 u sabiex tiġi ggarantita s-sikurezza puridika għall-produtturi tax-xorb spirituż u l-informazzjoni leġittima għall-konsumaturi, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet speċifiċi jiġu kkjarifikati fir-rigward tat-tikkettar applikabbli għall-blends, inkluż il-blends li jirriżultaw mill-kombinazzjoni ta' xorb spirituż li jappartjeni għal Indikazzjonijiet Ġeografiċi differenti jew mill-Kombinazzjoni ta' xorb spirituż li jappartjeni għal Indikazzjonijiet Ġeografiċi b'xorb spirituż li ma jappartjeni għall-ebda Indikazzjoni Ġeografika. Huwa neċessarju wkoll li jiġu emendati l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 10(7) tar-Regolament imsemmi, li jagħmlu referenza għal dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tikkettar.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/787 jiġi emendat kif xieraq.

(7) F'konformità mal-Artikolu 51(3) tar-Regolament (UE) 2019/787 u sabiex jiġi evitat kwalunkwe tip ta' vojt regolatorju, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika retroattivament mill-25 ta' Mejju 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/787 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt 3 tal-Artikolu 3 huwa sostitwit bit-test li ġej:

"3) "allużjoni" tfisser ir-referenza diretta jew indiretta għal isem ġuridiku wieħed jew iktar previsti għall-kategoriji ta' xorb spirituż stabbiliti fl-Anness I, jew għal Indikazzjoni Ġeografika waħda jew iktar ta' xorb spirituż, għajr għal referenza f'terminu kompost jew f'lista ta' ingredjenti msemmija fl-Artikolu 13(2), (3) u (4) fid-deskrizzjoni, l-preżentazzjoni u t-tikkettar ta':

(a) oġġett tal-ikel li mhux xarba spirituża, jew

(b) xarba spirituża li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kategoriji 33 sa 40 tal-Anness I;";

(2) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(7) huwa sostitwit bit-test li ġej:

"7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 11 u 12 u għall-Artikolu 13(2), (3), u (4), huwa pprojbit l-użu tal-ismijiet ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew Indikazzjonijiet Ġeografiċi fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni jew it-tikkettar ta' kwalunkwe xarba li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-kategoriji stabbiliti fl-Anness I jew tal-Indikazzjoni Ġeografika kkonċernata. Din il-projbizzjoni għandha tapplika wkoll fejn tali ismijiet ġuridiċi jew Indikazzjonijiet Ġeografiċi jintużaw flimkien ma' kelmiet jew frażijiet bħal "bħal", "tat-tip", "bi stil", "magħmul", "togħma" jew kwalunkwe terminu simili ieħor.";

(3) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit bit-test li ġej:

"3. Fil-każ ta' taħlita, l-ismijiet ġuridiċi previsti għall-kategoriji ta' xorb spirituż elenkati fl-Anness I jew għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż jistgħu jiġu indikati biss jekk dawn jidhru f'lista ta' ingredjenti alkoħoliċi li tkun tidher fl-istess kamp viżiv tal-isem ġuridiku tax-xarba spirituża.

Fil-każ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-lista ta' ingredjenti alkoħoliċi għandha tkun akkumpanjata b'tal-inqas wieħed mit-termini msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 10(6). Kemm il-lista tal-ingredjenti alkoħoliċi kif ukoll it-terminu ta' akkumpanjament għandhom jidhru fl-istess kamp viżiv bħall-isem ġuridiku tat-taħlita, b'karattri uniformi tal-istess tipa u kulur u b'tipa ta' daqs li ma tkunx akbar minn nofs id-daqs tat-tipa użata għall-isem ġuridiku.

Barra minn hekk, il-proporzjon ta' kull ingredjent alkoħoliku fil-lista tal-ingredjenti alkoħoliċi għandu jiġi espress mill-inqas darba bħala perċentwal, f'ordni dixxendenti tal-kwantitajiet użati. Dak il-proporzjon għandu jkun ugwali għall-perċentwali bil-volum ta' alkoħol pur li huwa jirrappreżenta fil-kontenut ta' alkoħol pur totali bil-volum tat-taħlita.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Fil-każ ta' blend, ix-xarba spirituża li ġġorr l-isem ġuridiku msemmi fil-kategorija tax-xorb spirituż ikkonċernat stabbilit fl-Anness I.

Fil-każ ta' blends li jkunu irriżultaw mill-kombinazzjoni ta' xorb spirituż li jkun jappartjeni għal Indikazzjonijiet ġeografiċi differenti jew mill-kombinazzjoni ta' xorb spirituż li jkun jappartjeni għal Indikazzjonijiet Ġeografiċi b'xorb spirituż li ma jkun jappartjeni għall-ebda Indikazzjoni Ġeografika, japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-deskrizzjoni, l-preżentazzjoni jew it-tikkettar tal-blend jistgħu jinkludu l-isem ġuridiku stabbiliti fl-Anness I, jew l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li jikkorrispondu għax-xorb spirituż li jkunu ħarġu minn blend, diment li dawn l-ismijiet jidhru:

(i) biss f'lista ta' ingredjenti alkoħoliċi kollha li jinsabu bil-blend, u fl-istess kamp viżiv bħall-isem ġuridiku tat-taħlita, b'karattri uniformi tal-istess tipa u kulur u b'tipa ta' daqs li ma tkunx akbar minn nofs id-daqs tat-tipa użata għall-isem ġuridiku; u

(ii) tal-inqas darba fl-istess kamp viżiv tal-isem ġuridiku tal-blend;

(b) il-lista ta' ingredjenti alkoħoliċi għandha tkun akkumpanjata b'tal-inqas wieħed mit-termini msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 10(6);

(c) il-proporzjon ta' kull ingredjent alkoħoliku fil-lista tal-ingredjenti alkoħoliċi għandu jiġi espress mill-inqas darba bħala perċentwal, f'ordni dixxendenti tal-kwantitajiet użati. Dak il-proporzjon għandu jkun ugwali għall-perċentwal bil-volum ta' alkoħol pur li jirrappreżenta fil-kontenut ta' alkoħol pur totali bil-volum tal-blend.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-25 ta' Mejju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN